MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Numru 776/2003

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Raymond Vella Gregory)**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**DAVID ZAMMIT**

**Illum, 12 ta' Jannar 2012**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat DAVID ZAMMIT ta' hamsa u erbghin sena, iben Domenico u Anna nee' Mifsud, imwieled Zejtun, fis-16 ta' Frar 1958, residenti fi Block 5, House 8, Triq il-Profs. Walter Ganado, Pembroke, detentur tal-Karta ta' l-Identita' 147258(M) gie imressaq quddiemha w akkuzat talli:

B’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

Fil-21 ta’ Settembru 2002 u fi zminijiet precedenti f’San Giljan u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, xjentement ghamel falsifikazzjoni f’atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet, jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ numru ta’ biljetti tal-Lottu Pubbliku.

Taht l-istess cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn dokumenti ffalsifikati, u cioe’ biljetti tal-lottu pubbliku.

Taht l-istess cirkustanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera’ haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’serq ta’ madwar Lm2,520 ghad-dannu ta’ Joseph Spiteri minn Bormla u ohrajn.

Taht l-istess cirkustanzi xjentement iffalsifika cedula, polza, ordni dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati, wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern.
Taht l-istess cirkustanzi, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Minsitru responsabbli ghal finanzi, taht ebda titolu jew b’ebda mod, ghamilha ta’ ricevitur ta’ gugati tal-lottu.

Taht l-istess cirkustanzi, biegh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-lottu pubbliku f’post li ma huwiex mahtur ghaldaqshekk.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u cioe' estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u l-fedina penali tieghu. Rat fedina penali aggornata tal-imputat li giet esebita mill-prosekuzzjoni nhar t-2 ta' Marzu 2004.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

**L-Ispettur Edel Mary Camilleri** xehdet nhar l-24 ta' Settembru, 2003. Hija tenniet li fit-23 ta' Settembru 2002 kien mar l-ufficju taghha certu Joseph Spiteri minn Bormla fejn kien infurmaha illi xi granet qabel kien San Giljan hdejn il-Casino u kien gie avvicinat minn certu Anthony Deguara illi hajjru biex jibidillu biljett fuq l-idejn. Il-biljett kien l-estratt tal-lottu tal-20 ta' Settembru 2002 u ghal dan il-biljett talbu erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) tieghu peress li dakinhar l-estratt kien madwar dak l-ammont, ir-rebha jigifieri. Spiteri kien ta l-flus lil Deguara fl-ammont ta' erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450) u ovvjament il-biljett kien gie f'idejn Joseph Spiteri. Ix-xhud qalet li dakinhar x'hin Joseph Spiteri kien mar l-ufficcju taghha, qalilha li kien mar il-Lottu Pubbliku, fejn dawn qalulu li dan il-biljett kien *counterfeit*.

Sussegwentement kien hemm persuna ohra, Joseph Vella minn Birkirkara li wkoll mar jikkomplenja l-ufficcju taghha b'biljett iehor u qalilha illi huwa kien mar il-banka tal-Lottu ta' Birkirkara jsarraf dan l-istess biljett u nfurmawh illi dan il-biljett kien falz. Dan il-biljett kien gie mixtri minghand certu Anthony Deguara ghal ammont ta' erba' mija u sebghin Lira Maltin (Lm470). Dan Anthony Deguara kien habbatlu l-bieb lil Joseph Vella u hajjru biex jixtri l-biljett. Hija qalet li fil-fatt kien hallsu erba' mija u sebghin Lira Maltin (Lm470) in cash tieghu.

L-ispettur ziedet tghid li persuna ohra li kienet marret l-ufficcju taghha jikkomplenja kien certu Thomas Carabott. Dan l-istess, kien gie avvicinat fil-Pjazza taz-Zejtun minn Anthony Deguara fejn fil-prezenza ta' Michael Cassar xtara biljett minn fuq l-idejn ghall-ammont ta' erbgha mija

u hamsin lira Maltin (Lm450). Fl-24 ta’ Settembru 2002, Joseph Fenech li kien persuna ohra, fejn mar jaghmel rapport ukoll lill-Fraud Squad fejn qalilha li avvicinah certu Anthony Deguara u hajjru jixtri zewg biljetti tal-Lottu Pubbliku ghal seba’ mitt Lira Maltin (Lm700) fejn dan l-istess kien mar il-Banka tal-Lottu Pubbliku biex isarraf l-istess biljetti tal-Lottu Pubbliku fejn irrizulta li dawn kienu foloz. Dawn il-biljetti li semmiet l-ispettur kollha gew migbura  minnha u kienet se tipprezentahom materjalment il-Qorti.

Hija stqarret illi biljett iehor kien inghata lis-supretendent Vella Gregory minn certu Guzi tal-Pretoria Bar ta’ Hal Tarxien fejn allegatament dan l-istess kien gie avvicinat minn Anthony Deguara fejn iffrodah erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450) ta’ biljett iehor li kien falz. Hija sostniet li minn dawn il-*complaints* hija rnexxiela tiddentifika lil persuna illi ffrodat lil dawn il-persuni imsemmija u rrizultalha li kien certu Anthony Deguara. Ezatt wara l-estratt tal-Lottu hija harget l-*arrest warrant* necessarji biex tarresta lil dan Anthony Deguara. Hija ghamlet ir-ricerka madwar Malta pero’ rrizulta li Anthony Deguara kien lahaq telaq minn dawn il-Gzejjer pjuttost qabel ma’ marru il-*complainants* fl-ufficcju taghha.

L-ispettur sussegwentement kienet ghamlet l-*inquiries* taghha mal-mara u anke ma’ missier Anthony Deguara fejn dan qabel ma’ siefer kien halla ittra li kienet tispjega l-*modus operandi* ta’ kif Mr Deguara biegh dawn il-biljetti lil dawn l-individwi u bl-ghajnuna ta’ min. Hija qalet li fil-fatt issemma David Zammit certu l-‘Baghbghas’ li huwa l-imputat u anke Charles Attard biex sehhet din l-operazzjoni. L-ispettur esebiet ittra li thalliet lil mara tieghu minn Anthony Deguara qabel ma telaq u giet immarkata bhala Dok EMC1. Din l-ittra twila hames pagni.

Fid-9 ta’ Gunju 2003 l-Ispettur kienet giet infurmata illi Deguara dahal lura lejn il-Gzejjer Maltin. Dakinhar hija ezegwiet l-arrest ta’ Anthony Deguara fejn wara li taghtu s-solita twissija li hu ma kienx obbligat li jirrispondi ghal ebda domanda li se ssirlu izda dak kollu li kien se jghid kien se jitnizzel bil-miktub u seta’ jingieb bhala prova..

Huwa kien irrilaxxa stqarrija fejn qal bl-involviment tieghu ma’ Alfred Attard u ma’ David Zammit il-‘Baghbghas’. Huwa kien qal kif avvicina lil dawn l-individwi biex ibiegh dawn il-biljetti u kienu dawn l-istess biljetti tal-Lottu Pubbliku li gew fornuti minn Alfred Attard u David Zammit biex imbaghad sussegwentement Anthony Deguara kien ikun jista’ jbiegh dawn l-istess biljett lil dawn l-individwi. Anthony Deguara kien semma wkoll illi kull biljett tal-Lottu li kien qed jinbiegh lil dawn l-individwi kienu  jiltaqghu t-tlieta li huma u kienu jaqsmu l-flus, jigifieri l-qliegh ta’ kull biljett, jigifieri il-profitt jinqasam bejn David Zammit, Alfred Attard maghruf bhala t-teacher u Anthony Deguara.

Din l-operazzjoni fejn inbieghu il-biljetti lil dawn l-individwi li semmiet ftit qabel kienet grat fl-20 ta’ Settembru 2002, jigifieri dik il-gurnata li kien sar l-estratt tal-Lottu Pubbliku. Hija kkonfermat li kollha semmew l-istess gurnata meta nbieghu dawn il-biljetti. L-ispettur esebiet zewg biljetti tal-Lottu Pubbliku li kienu nghaddew lil Joseph Fenech maghruf bhala r-Ringu u li dan kien hallas seba’ mitt Lira Maltin (Lm700). Dawn gew mmarkati bhala Dokument EMC 2. Hija esebiet ukoll biljett tal-Lottu Pubbliku pprezentat lil Joseph Vella minn Birkirkara li kien hallas erba’ mija u sebghin Lira Maltin (Lm470) ghalih u gie mmarkat bhala Dokument EMC 3. Esebiet il-biljett tal-Lottu Pubbliku ta’ Joseph Spiteri li kien hallas erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450) u gie mmarkat bhala Dokument EMC 4. Esebiet ukoll il-biljett tal-Lottu Pubbliku ta’ Thomas Carabott li ghalih kien hallas erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450) u li gie mmarkat bhala dokument EMC 5. Esebiet il-biljett tal-Lottu Pubbliku li gie prezentat lil Guzi tal-Pretoria Bar ta’ Hal Tarxien li gie mmarkat bhala Dokument EMC 6.

Hija kompliet tghid li wara li ghamlu l-investigazzjoni Anthony Deguara gie mressaq il-Qorti, insatb hati  u sussegwentment  gie ssentenzjat. Wara komplew bl-investigazzjonijiet taghhom biex jintralcjaw lil David Zammit il-Baghbas u Alfred Attard it-Teacher.

Hija arrestat lil David Zammit fis-17 ta’ Settembru 2003 wara li  kienet tat ordini lil PC 344, PC 266 li huwa data

expert u WPS 2 u dawn kienu marru jaghmlulu tfittxija ghal habta tat-tlieta neqsin kwart go d-dar tieghu gewwa Pembroke fil-prezenza tieghu. Huwa kien irrilaxxja stqarrija esebita fl-atti u markata bhala Dok EMC 7 fejn hi gharfet il-firma taghha u dik ta' PC 344 Chris Vella. David Zammit kien ghazel li ma jiffirmahiex. Dan kollu sehh wara li nghatat is-solita twissija.

Hija rrilevat li meta David Zammit kien gie mistoqsi fuq dan il-kaz, dan kien qal li kien jaf lil Alfred Attard mill-Casino' Oracle ta' Bugibba pero' huwa kien innega dwar il-fatt illi Anthony Deguara u Alfred Attard ippjanaw li jqassmu dawn l-estratti tal-Lottu lil certu ndividwi biex imbaghad il-qliegh jigi maqsum bejnhom it-tlieta. Hu kien innega dwar dan. Hija ziedet tghid li ghal habta ta' Marzu 2003, missier Anthony Deguara, jigifieri Carmelo Deguara rcieva din l-ittra minghand Anthony Deguara li f'din l-ittra hemm rilevat il-*modus operandi* dejjem ta' kif Anthony Deguara kien involut f'din l-operazzjoni biex isir qliegh f'dawn l-estratti tal-Lottu Pubbliku. Din giet immarkata bhala Dok EMC 8.

L-Ispettur stqarret ukoll li Anthony Deguara kien instab hati tal-akuzzi migjuba kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu u kkonfermat ukoll li ma kien instab xejn relatat ma' dawn l-akkuzi fir-residenza tal-imputat odjern.

**Joseph Vella** xehed nhar it-30 ta' Settembru 2003 u qal li fl-20 ta' Settembru 2002 hu kien tefa idu fuq il-bieb ta' barra biex imur jara lil ommu u jwassalha l-quddies kif kienu jaghmlu s-soltu. Fil-pront cemplet il-qampiena tal-bieb u kif fetah sab lill-imputat odjern li staqsieh jekk huwa kienx isarraf biljetti tal-lottu. Ix-xhud wiegbu fin-negattiv imma l-imputat qallu biex isarrafulu ghax dakinhar kienet festa. Ix-xhud wiegbu li minn dakinhar sat-Tnejn x'kien hemm, izda l-imputat qallu li jaghtih tletin lira ghalih jekk issarraflu dan il-biljett. Ix-xhud qal li nizel isfel u peress li kien biljett tal-lottu ta' zewg liri kellu jaghtih hames mija ghal rebh. Ix-xhud staqsieh ghall-karta tal-identita'. Huwa harighielu b'heffa mill-but u t-tifla tax-xhud kitbet malajr dak li kien hemm fuq l-ID Card. Mistoqsi x'kien l-isem u konjom l-imputat , x-xhud wiegeb li kien nesa'. Mistoqsi

mill-Qorti jekk hux cert li kien l-imputat odjern li kien mar ghandu, ix-xhud wiegeb li iva kien l-imputat odjern. Huwa tenna li mhux veru li hu kien indika lill-pulizija persuna bl-isem ta’ Anthony. Ikkonferma pero’ li huwa qatt ma kien ra lill-imputat qabel u ghalhekk ma kien jaf x’jismu .

Ix-xhud gie muri biljett esebit f’dawn l-atti mmarkat bhala Dokument EMC 3 u kkonferma li dan huwa il-biljetti li kien sarraf. Ma kienx jaf li din il-persuna, u cioe l-imputat kellu laqam. Qal li din il-persuna li mar ghandu kien fih naqra ta’ tifel u bjond.
**Joseph Spiteri** xehed fl-istess seduta tat-30 ta’ Settembru 2003 fejn iddikjara li fl-20 ta’ Settembru 2002 kien mar ragel fuqu u qallu li kellu biljett biex isarrafulu u kien se jaghtih ftit qliegh. Qal li l-persuna li kienet marret ghandu ma kinitx l-imputat odjern izda kienet persuna ohra maghrufa bhala Tal-Pjanu. Huma kienu fejn il-Casino ta’ San Giljan u kien filghaxija. Ix-xhud gie muri biljett li hu esebit f’dawn l-atti mmarkat bhala dokument EMC 4 fejn ikkonferma li dan kien il-biljett in kwistjoni. Ix-xhud kien ta erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450). Kien qallu li issa kienu ghalqu u li x-xhud kien lest li jaqla’ hamsin Lira Maltin mieghu u sarrafulu. Imbaghad ix-xhud mar ghand tal-Lottu biex isarrfu u ma sarrafulux u b’hekk mar ghand il-Pulizija. Ix-xhud kien wahdu ma’ Tal-Pjanu. L-imputat iddikjara li lill-imputat ma jafux u ma kienx maghhom.

**Martin Hili** xehed ukoll fit-30 ta’ Settembru 2003 ghan-nom u in rapprezentanza tal-Lottu Pubbliku. Huwa qal li hu nkarigat mis-sistema tal-Lottu tas-Super Five. Huwa xtaq jghid li sabiex huwa jkun f’posizzjoni li jghid jekk il-biljetti humiex foloz jew le, irid jiehu l-biljetti fis-sistema taghhom u jara jekk humiex rebh jew le. Dan billi jara jekk in-numru ta’ fuq il-biljett jikkombacjax ma’ biljetti tar-rebh mas-sistema taghhom. Ghalhekk huwa fil-presenza tal-Qorti, tal-imputat u tal-partijiet koncernati ha n-numru tal-biljetti li hawn esebiti fl-atti u pprometta li jaghmel ezami dwarhom mas-sistema taghhom sabiex jara jekk dawn humiex biljetti tar-rebh jew le u dan fis-seduta li kien imiss.

**Anthony Deguara** xehed fit-30 ta’ Settembru 2003 u qal li il-kaz tieghu kien gia gie deciz u gie kkundannat sentejn

prigunerija sospizi ghal erba' snin. Huwa tenna li fl-20 ta' Settembru 2002 mal-habta ta' l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar 'il quddiem beda' jircievi biljetti tal-lottu minghand persuna li jisimha Alfred Attard li ma kienx prezenti l-Qorti dak in-nhar i kien qed jixhed. Fl-20 u fil-21 ta' Settembru, kien mar fuq sitt individwi differenti u pprova jsarraf dawn il-biljetti li kien ghaddielu dan Attard. Ma kienx jaf li l-biljetti kienu foloz, ghalih kienu biljetti tal-lotterija tas-Super Five. Mistoqsi mill-ispettur min sarraflu dawn il-biljetti, huwa wiegeb li sarraf biljetti ma' Tommy Carabott miz-Zejtun, iehor li jismu Fredu, persuna ohra maghrufa bhala Zeppi z-Zghir, is-sur Peppin u zewg persuni ohra li ma setghax jiftakar x'jisimhom, apparti certu Guzi minn Hal-Tarxien.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx lill-imputat wiegeb iva. Huwa ddikjara li jafu l-Casino ghaliex l-imputat jattendi l-Casino. Mistoqsi jekk jigi muri l-biljetti jarafahomx wiegeb fl-affermattiv u wkoll ftakar li wiehed minn numri kien 25. Meta gie muri d-dokumenti EMC 4 sa EMC 6, wiegeb li dawn kienu l-biljetti li nghatawlu. Huwa ddikjara li kien hemm numru ta individwi li tahom biljetti izda ma marrux ghand il-pulizija. Sussegwentement, wara li kien sarraf il-biljetti kien qassam il-flus bejn tlieta. Huwa ha terz u cioe' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) minn kull erba' mija u hamsin Lira (LM 450) li jkun sarraf, u l-istess hadu l-imputat David Zammit u Attard.

Huwa tenna li gurnata minnhom hu kien l-Oracle Casino u laghab elfejn Lira Maltin (Lm2,000). Hemmhekk kien iltaqa' ma' l-imputat David Zammit u qaghad jitkellem mieghu u dan qallu jekk kienx interessat li jakkwista mitt lira ta' malajr. F'dak iz-zmien huwa kien bla flus, u ghalhekk thajjar u ra x'kellu f'mohhu l-imputat li dak il-hin kien fil-presenza ta' habib tieghu Alfred Attard maghruf bhala 'it-Teacher'. Dan qallu li kellu t-tfajla li kellu qabel mieghu u li setghu jiehdu xi flus minn fuqha. Attard spjegalu ezattament l-istess haga u regghu ltaqaw ftit granet wara go Birkirkara. L-imputat mar ghalih Hal-Tarxien u hadu bil-karozza tieghu go Birkirkara u hawn iltaqa' ma' dil-mara ghall-ewwel darba. Sa fejn kien jaf hu din il-mara kien jisimha Nena izda ma kienx cert. Attard

introducieh ma' din il-mara u ftiehmu li kienu ser jisselfu xi flus minghandha purche' ihalsuha lura fis-6 ta' Ottubru. Mistoqsi minnha jekk kienx cert dwar din il-proposta huwa wegibha fil-posittiv. Hija in segwitu tat cekk ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) lit-Teacher u dan sarrfu fil-Bank of Valletta ta' Birkirkara. Attard mbaghad tah mitt lira Maltin (LM100) u lill-imputat David Zammit tah is-somma ta' mija u hamsin lira (LM150). Il-mara wieghditu li kienet ser ittih somma ohra ta' hmistax-il mija ohra (LM1,500) jum it-Tlieta ta' wara pero' fil-fatt ma taghthomlux. Kull darba li huwa kien isarraf wiehed minn dawn il-biljetti huwa kien imur lura ghand dawn iz-zewg individwi u kienu jaqsmu l-flus bejniethom. Din saret ghal sitt darbiet.

Nhar it-22 ta' Settembru 2002 Alfred Attard haseb li hu kien ha jitlaq minn Malta filghaxija meta fil-fatt kien telaq filghodu. Il-mara tieghu cemplitlu u qaltlu li xi hadd kien mar id-dar taghha u skond id-deskrizzjoni taghha huwa haseb li kien Alfred Attard stess. Alfred Attard kien qalilha li hu kien sid ta' karozza u staqsiha minn fejn kien. Hawnhekk ix-xhud bdew jiguh id-dubji fuq dak li kien ghamel u haseb biex jigi lura Malta u jaghti ruhu b'idejh. Sussegwentement huwa gie lura Malta fit-2 ta' Ottubru, kiteb dokument, indirizzah lill-missieru u mar ghand il-pulizija fejn qalilhom bl-istorja kollha.

Muri d-dokumenti EMC 1 u EMC 8 ikkonferma li dokument EMC 1 huwa miktub bil-kitba tieghu u spjega li l-original ta' dan id-dokument jinsab f'idejn missieru. Waqt li d-Dokument EMC 8 huwa miktub minnu ukoll u li huwa dokument originali. Huwa kkonferma wkoll li kien hu li kiteb dawn iz-zewg dokumenti. Spjega li r-raguni li telaq minn Malta kienet ghax kellu hafna dejn. Parti mill-flus dovuti minnu kienu minhabba it-trappa ta' uzura li kien waqa' fiha.

**Anthony Deguara** rega' xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2003 fejn esebixxa kopja originali tal-ittra li huwa semma fix-xhieda precedenti tieghu, liema ittra giet immarkata bhala Dok ST. Ikkonferma li din l-ittra giet

mitkuba minnu u hallieha f'idejn missieru biex jghaddiha lill-Pulizija.

**Joseph Vella** rega' xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2003 fejn qal li fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2003 huwa kien marid mejjet u kien qed johroglu gharaq tal-mewt. Huwa qal li l-biljett li sussegwentement sar jaf li kien falz ma giex moghti lilu mill-imputat li kien qed jaghraf prezenti fl-Awla, izda mill-persuna li kienet ghadha kemm harget mill-Awla li l-Qorti ndikatlu li kien jisimha Anthony Deguara. Huwa tenna li fil-fatt kien hemm ohtu u meta talbu l-ID card, tah ismu, kunjomu u l-ID Card. Ix-xhud esebixxa n-notament li gie miktub minn ohtu dakinhar meta gie moghti l-ID card li gie mmarkat bhala Dok ST1. Oht ix-xhud jisimha Lily Pisani.

**Lily Pisani** xehdet nhar l-10 ta' Novembru 2003 li ddikjarat li tigi oht Joseph Vella. Hija ftakret li gurnata minnhom kienet marret persuna ghand huha biex isarraf biljett tal-lottu. Taf li ratu barra l-Awla. Huwa talabha biro biex jikteb l-ID card number ta' din il-persuna li talbet li jissarfilha l-biljett. Qalet li din il-persuna kienet fil-fatt dik il-persuna li diga' xehdet fil-Qorti li l-Qorti qed tindika li jisimha Anthony Deguara. Ix-xhud giet murija dokument li gie mmarkat Dok ST1 u kkonfermat li dan id-dokument gie miktub mit-tifla taghha Graziella Pisani. Iddikjarat li huha kien talabha ggiblu biro u peress li hi ma tantx tikteb pulit, kienet talbet lit-tifla biex tmur tikteb dak li rat fl-ID Card.

Fl-istess seduta tal-10 ta' Novembru 2003 xehed **Michael Cassar** li ddikjara li jiftakar li zmien ilu huwa kien il-pjazza taz-Zejtun ma' persuna ohra u marret persuna fuqu u talbitu ssarraflu biljett tal-lottu, liema biljett huwa gharfu bhala dak id-dokument esebit il-Qorti u markat bhala Dok EMC5. Jghid li flus fuqu dakinhar ma kellux u talbu sabiex isiblu lil haddiehor. Kien hemm bniedem iehor u x-xhud talbu biex isarrafulu danil-biljett u dan accetta, pero' isem u kunjom dan il-bniedem ix-xhud ma jafhomx. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx l-imputat odjern li talbu jsarraflu dan il-biljett, ix-xhud wiegeb le u ddikjara li lill-imputat ma jafux. Mistoqsi jekk jafx isem il-persuna li

avvicinatu, Michael Cassar wiegeb li lanqas dak ma kien jaf.

Fl-10 ta’ Novembru 2003 xehed ukoll **Alfred Attard** li ddikjara li kellu kawza ghaddejja fil-konfront tieghu liema kawza kienet ghada sub-judice u nonostante dan iddikjara li huwa jixtieq jixhed. Iddikjara li kien ser ikellem lil Dr Paul Lia sabiex ikun prezenti fis-seduta li jmiss waqt li jkun qed jixhed.

**Martin Hili** rega’ xehed nhar l-10 ta’ Novembru 2003 fejn in segwitu tal-ahhar xhieda tieghu, huwa ccekja l-biljetti li kienu esebiti l-Qorti u kkomparhom mal-fotokopji li huwa kellu li huma l-istess records li kellhom l-Lottu. Ikkonferma li n-numri ta’ fuq il-biljetti li hawn il-Qorti huma differenti minn dawk mahruga minnhom. Ghalhekk fil-fehma tieghu dawn il-biljetti li kien hemm il-Qorti ma kienux veri. Huwa spjega li kull biljett ikollu *serial number* u *control number*. Il-control number jinsab kemm fuq il-biljett kif ukoll fuq ir-records tal-Lottu Pubbliku u l-*control number* huwa hemm biex jikkontrolla li dak il-biljett ikun vera. F’dan il-kaz il-biljetti kellhom il-*control number* tajjeb u n-numru fuq il-biljett ma kienx tajjeb u b’hekk ma kienx jikkorrispondi ghall-*control number* skond kif mizmum minnhom fir-records taghhom.

**PC 266 Stefan Decelis**, stazzjonat fl-Economic Crime Unit, xehed nhar it-12 ta’ Jannar 2004 fejn iddikjara li fuq sturzzjonijiet tal-Ispettur Camilleri huwa ntalab jaghmel search maghha go dar sabiex jaghmel verifiki fil-computers li seta’ kien hemm f’dan il-fond u f’kaz li s-search jirrizulta pozittiv ghal stharrig li kienet qed taghmel, kellu jeleva l-*computer*. Mis-search li huwa ghamel go Block 5, House 8, Triq il-Profs. Walter Ganado, Pembroke ma rrizulta li kien l-ebda computer.

**WPS 2 Mary Mizzi**, stazzjonata fl-Economic Crime Unit, xehdet nhar it-12 ta’ Jannar 2004 fejn qalet li hija marret flimkien mal-Ispettur Edel Mary Camilleri, PC 344 u PS 266 fir-residenza ta’ David Zammit Block 5, House 8, Triq il-Profs. Walter Ganado, Pembroke u ghamlu search ghal computer fil-prezenza ta’ l-istess imputat fejn seta

kienhemm xi data relatata mal-kwistjoni tal-biljetti tal-lottu izda kollox irrizulta fin-negattiv. .

Fl-istess seduta tat-12 ta' Jannar 2004 xehed **PC 344 Christopher Vella** stazzjonat fl-Economic Crime Unit u ddikjara li huwa flimkien ma' WPC 2 u PC 266 marru jaghmlu search fir-residenza tal-imputat David Zammit, li gharfu prezenti fl-Awla, gewwa Block 5, House 8, Triq il-Profs. Walter Ganado, Pembroke u dan sabiex jara jekk kienx hemm xi computer relatat ma-kwistjoni tal-biljetti tal-lottu. Is-search in kwistjoni rrizultat fin-negattiv. PC 344 iddikjara wkoll li fis-17 ta' Settembru 2003 huwa kien xhud ta' statement li rrilaxja l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla u kkonferma li dan kien l-istess statement rilaxxjat mill-imputat u dan ghazel lli ma jiffirmax din l-istqarrija. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu kif ukoll dik tal-ispettur fuq kull faccata ta' din l-istqarrija li tikkonsisti f'zewg faccati. L-istqarrija tinsab inserita a fol. 23 et sequitur markata bhala Dok EMC.

Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2004, il-Qorti nnominat lill-Espert Martin Bajada sabiex jezamina l-biljetti tal-lottu esebiti fl-atti bil-ghan li jistabilixxi jekk dawn humiex foloz jew le.

Fid-19 ta' Mejju 2004, xehdet **Graziella Pisani** u qalet li hija tiftakar li kienet ghand ommha. Iz-ziju taghha li jismu Peppi jghix fuqhom u ftakret li f'xi hin kien mar iz-ziju taghha u qallha biex tikteb ID Card fuq karta. Sussegwentement wara li ghamlet dak mitlub minnha, ghaddiet il-karta lura lil zijuha. Ix-xhud giet murija dokument mmarkat ST1 a fol. 59 tal-process u ddikjarat li dik il-karta kitbitha hi. Hija kitbet Deguara Anthony u l-indirizz fuqha, mhux in-numri. Hija regghet irritornat din il-karta liz-ziju taghha Peppi jew ahjar Joseph Vella.

Nhar il-25 ta' Ottubru 2004 xehed l-**Espert Martin Bajada** li esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata Dok MB u rritorna wkoll il-biljetti li kienu gew irtirati minnu minn dawn il-proceduri. L-Espert ikkonkluda li tali biljetti huma foloz.

Fil-fatt minn ezami tar-relazzjoni tal-Espert jirrizulta li l-espert m'ghandu l-ebda dubju li l-biljetti tal-loghob tal-lottu esebiti bhala Dok EMC2 sa Dok EMC6 huma kollha foloz. Dan peress li l-process li bih gew riprodotti dawn l-*iscanned images* gie ddentifikat u spjegat fir-rapport stess u l-kampjuni annessi ma' dan ir-rapport bhala Dok MB1 sa Dok MB5.

**Carmelo Deguara** xehed fil-25 ta' Ottubru 2004 fejn iddikjara li d-dokument mmarkat bhala Dok AB1 a fol. 31 et seq kien gie mghoddi lilu minn ibnu Anthony Deguara mlaqqam '*il-Pjanu'* qabel ma' telaq minn dawn il-gzejjer. Hu sussegwentement ghaddih lis-Supretendent Vella Gregory f'Rahal Gdid. Imbaghad kienu baghtu ghalih il-pulizija. Ix-xhud jaf lill-imputat di vista. Darba minnhom, wara li kien ghadda l-ittra lis-Supretendent, kien mar l-imputat ifittxu qabel effettivament inkitbet din l-ittra prezenti u talab ghal ibnu. Kien fil-kumpanija ta' persuna ohra u hu qallu li ma riedx jidhol fil-kwistjonijiet ta' bejniethom. Ibnu tah l-ittra *by hand*. Ix-xhud ma kienx jaf li ibnu kellu jaghti xi flus lill-imputat.

Carmelo Deguara gie muri d-dokument mmarkat ST. Qal li din hija kitba ta' ibnu Anthony. Iddikjara li f'din is-seduta kien l-ewwel darba li raha u li ma jaf xejn dwarha u hadd ma taghielu.

**Thomas Carabott** xehed fil-25 ta' Ottubru 2004 u ddikjara li zmien qabel kien mar fuqu certu Tony Deguara u kien ghaddielu biljett u qallu li kien se jsiefer u qallu li kien rebah il-lotterija u kien talbu biex jaghtih erba' mija u hamsin lira (Lm 450) tal-biljett. Sussegwentement mar biex isarraf dan il-biljett u qallu li dan il-biljett ma kienx tajjeb u spicca d-depot. Tony kien siefer u ghalhekk imbaghad huwa kien mar ikellem lil missieru li qallu li jiddispjacih ta' dan li kien ghamillu ibnu u kien lest li jhallsu lura bil-mod. Fil-fatt ix-xhud iddikjara li ma kien ghad fadallu jiehu xejn ghax kien hallsu. Lil Tony Deguara kien tah erba' mija u hamsin lira maltin (Lm450). Ix-xhud gie muri l-biljett esebit u mmarkat bhala Dok EMC 5 u kkonferma li dak hu l-biljett li Tony Deguara kien ghaddhielu. Mistoqsi jekk Tony Deguara kienx wahdu

meta mar ghandu , ix-xhud spjega li kien hemm persuna ohra bl-isem Michael. Kien gie assigurat li l-biljett kien tajjeb. Mistoqsi jafx lill-imputat wiegeb fin-negattiv. Lil Tony Deguara kien jafu ghaliex huwa gar tieghu u ma kienx jaf li huwa nvolut f'dan ix-xoghol. Fdah ghax dehrlu li kollox kien jidher sewwa. Lil Michael jafu wkoll. Iddikjara li ma jafx ghaliex harab Tony pero' jahseb li minhabba kwistjoni ta' flus ghax mhux lilu biss ghamilha din. Lil Tony Deguara jafu wkoll bhala l-Pjanu.

**Joseph Fenech** xehed fil-25 ta' Ottubru 2004 u ddikjara li darba minnhom kien il-pjazza taz-Zejtun u mar fuqu Tony Deguara. Qallu li kellu zewg biljetti tal-lottu u qallu biex isarrafhomlu peress li l-ghada kienet festa u kien ser jitlaq minn Malta. Fenech qal li ma kellux flus u hadu ghand habib tieghu Alfred Ellul li kellu hanut u tah xi seba' mitt lira (Lm 700). Sussegwentement mar ma' Alfred Ellul biex isarraf il-flus u meta mar ghand it-tezor staqsewhom minn fejn gabu l-biljetti u wara li qalulhom, tat-tezor infurmawhom li ma kienux veri. Il-biljetti kien taghhomlu Tony Deguara. Ix-xhud iddikjara li huwa mlaqqam ir-Ringu u nforma lill-Qorti li Deguara maghruf bhala ix-Xikk. Meta gie muri zewg biljetti mmarkati bhala Dok EMC 2, ix-xhud kkonferma li dawn kienu il-biljetti li ghaddielu Deguara. Meta marru jfittxu lil Deguara minhabba l-flus li kien tah Alfred Ellul, kienu gew infurmati li kien harab. Siehbu Ellul imur ghal hut fuq il-bahar u kien jarah spiss. Ix-xhud iddikjara li lill-imputat ma jafux u qatt ma rah. Lil Tony Deguara kien jafu z-Zejtun. Mistoqsi jekk ghandux xi negozju tal-loghob, ix-xhud wiegeb li ma jafx pero' jaf li ghandu l-vizzju tal-loghob. Ix-xhud iddikjara li jaf li kien qed ihallsu lura. Fil-fatt diga' kien tah xi tlett mitt lira (Lm300) u jaf li kellu xi djun ma' nies ohra.

**Rita Deguara** xehdet nhar is-16 ta' Novembru 2005 u wara li giet murija d-dokumenti a fol. 31 sa 37 tal-process iddikjarat li l-ittra a fol 35 kienet sabitha taht magna tal-hjata u qalet li sabitha hemm wara li kien cempillha r-ragel li kien qieghed barra minn Malta u qallha li kien hemm l-ittra hemm. Qallha biex tiftaha u tmur biha ghand il-pulizija. Hija hekk ghamlet u ghaddieta lill-Pulizija tas-CID. Dan kien fil-perjodu taz-zmien circa s-sajf 2002. Hija

ssperata minn mar-ragel u ddikjarat li hu gieli jaghmel perjodu d-dar u gieli le. Hija kkonfermat li zewgha gieli kellu xi problemi dwar self ta’ flus. Taf li kien aktar jissellef. Qalet li kellu problemi ta’ loghob tal-azzard. Dik kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex infirdu u telaq mid-dar. Hija ddikjarat li zewgha harab minn Malta u lill-imputat odjern ma tafux.

**Alfred Ellul** xehed nhar it-2 t’April 2007 fejn wara li gie muri dokumenti EMC 2 sa EMC 6 huwa ddikjara li dawn huma biljetti tal-lottu. Huwa ma setax jaghraf dawn il-biljetti pero’ kien jiftakar li f’Mejju 2001 huwa kien wassal lil certu Joseph Fenech fil-gabbana tal-lottu li tinsab hdejn il-kwartieri generali tal-pulizija biex isarraf il-biljetti u kienu gew il-pulizija. Huwa sostna li qatt ma zamm biljetti f’idejh u kkonferma li Joseph Fenech kellu xi biljetti.

**Joseph Cassar** xehed nhar it-2 t’April 2007 fejn iddikjara li xi zmien ilu l-pulizija kienu baghtu ghalih fuq xi domandi ta’ biljetti tal-lottu. Huwa kellu f’idejh biljetti tal-lottu u staqsewh kif kienu gew ghandu u wegibhom li kien tahomlu wiehed li kien joqghod Hal Tarxien. Mistoqsi min hu dan il-persuna huwa wiegeb li ma jafx. Huwa sostna li lill-imputat ma jafux. Gie muri l-biljetti EM2 sa EM5 u ddikjara li dwar dawn hu ma jaf xejn. Ma jiftakarx liema kien il-biljett. Huwa kkonferma li hadd ma kien kellmu qabel ma’ tela’ jixhed fil-Qorti.

**Rita Deguara** xehdet nhar it-2 t’April 2007 fejn giet murija ittra li giet markata bhala Dokument AD1 li tinsab inserita a fol 21 tal-process. Hija ddikjarat li kienet sabet din l-ittra taht il-magna tal-hjata wara li kien cempilla r-ragel taghha u qalilha biha. Ir-ragel taghha huwa Anthony Deguara. Hija tenniet li meta kienet sabet din l-ittra, kienet cemplet lil missier ir-ragel, Carmel Deguara u kienet qaltlu biha. Hija sostniet li ma kellhiex x’taqsam ma’ din l-ittra fis-sens li ma kitbitiex hi u qatt ma kienet ratha qabel. Hija kkonfermat li r-ragel taghha kien imsiefer meta hija sabet din l-ittra. Sa fejn kienet taf hi, dan kien telaq lejn l-Ingilterra.

**L-imputat David Zammit** xehed nhar il-15 ta’ Jannar 2008 fejn gie mistoqsi kif kien jaf lil Anthony Deguara u qal li kien sar jafu fil-Casino l-Qawra u kien ilu jafu di vista ghal tliet snin. Huwa kkonferma li kienu jitkellmu. Kemm hu kif ukoll Anthony Deguara kienu jiffrekwentaw il-Casino. Huwa tenna li Anthony Deguara kien ikun prezenti jara l-loghob bhalma kien jaghmel hu. Mistoqsi jekk Deguara hux laghbi kbir wiegeb li kien jilghabhom meta kien ikollu flus f’idejh kif effettivament jaghmel hu. Fil-fatt ikkonferma li dan kellu xi djun ukoll.

David Zammit stqarr li darba minnhom Deguara kien mar fuqu u kien talbu xi flus ghax qallu li kellu bzonnhom ghal xi business. Meta staqsieh x’tip ta’ business kien, wiegbu li jekk jghidlu x’inhu, jkunu jridu jaghmlu bhalu nies ohra. Ix-xhud qallu li ma setax jaqdih pero’ kien lest li jghaddilu nformazzjoni dwar persuna illi fil-fehma tieghu setghet tghinu. Huwa hemmhekk kellem lil Alfred Attard u qallu li kien hemm bniedem li kellu bzonn xi ftit flus u dan bil-ghan illi Attard isellef il-flus lil Deguara. Huwa kien laqqaghhom flimkien fil-Casino u qabel ma Attard silef xi flus lil Deguara dawn imlew il-karti u hu ffirma bhala xhieda tal-ftehim li kien hemm bejniethom. Il-karti kienu bl-Ingliz ghax is-Sur Deguara iktar jaf bl-Inliz milli bil-lingwa Maltija peress li dan kien jghix l-Ingilterra u fil-fatt kien imlaqqam il-‘*Liverpool*’. Huwa tenna li Attard ghadda l-flus lil Deguara xi jumejn wara pero’ mhux quddiemu. Huwa qal li Deguara kien wieghed li jirritorna l-flus lil Attard fi zmien xahar u sa fejn kien jaf hu l-flus ma tahomlux. Huwa ddikjara li lanqas Deguara ma’ deher aktar.

Sussegwentement Alfred Attard kien mar fuq l-imputat u stasieh x’kien sar minn dak il-persuna li kien ressaqlu u wiegbu li kellu idea li dan huwa miz-Zejtun u li kien jaf lill-missieru. Effettivament mar iz-Zejtun ma’ Attard bl-idea li jfittxu lil Deguara u hemmhekk iltaqa’ ma’ missier Deguara. Meta mar fejn missieru, dan beda jghajjat u qallu li ma kellu x’jaqsam xejn u qallu wkoll biex ihallih bi kwietu. Qallu wkoll illi jekk huma ghamlu xi *business* mieghu kellhom ifittxu lilu u l-imputat wiegbu li hu kien mar hemm hekk biex jiffrankalu milli jtellghuh il-Qorti.

Huwa ddikjara li dwar il-kwistjoni tal-biljetti foloz tal-lottu ma kien jaf xejn. Iddikjara li qatt ma baghbas u li qatt ma kienu f'idejh. Huwa sostna li dwar dan huwa ma jaf xejn u lanqas biljetti qatt ma ra' u qatt ma offra biljetti tal-lottu ghall-bejgh. L-imputat hass illi Deguara gideb u hu qieghed hawn ghal xejn. Dan bil-ghan illi huwa jipprova jiffranka l-flus li eventwalment kien issellef minghand Attard. Imbaghad wara zmien rrizultalu li huwa effettivament ghandu jaghti lil nofs Malta. Sussegwentement l-imputat sar jaf li Deguara kien anke jmur l-Ingilterra biex jahrab mill-gustizzja u min-nies li kellu jaghti.

In kontro-ezami, l-imputat David Zammit gie muri l-istqarrija li huwa kien irrilaxxa, liema stqarrija tinsab inserita fl-atti. Huwa ddikjara li effettivament l-Ispettur kienet staqsietu xi domandi u hu kien wegibha. Hu sostna li kien qal il-verita'. Giet moqrija l-istqarrija lilu u hu kkonfermaha fl-intier taghha. Mistoqsi jekk issemmewx xi cifri fil-presenza tieghu dwar il-flus li kien issellef Deguara minghand Alfred, wiegeb li jekk ma kienx sejjer zball kienet somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5000). Huwa tenna li l-flus issemmew ghal kwistjoni ta' business. Mistoqsi meta kien dan iz-zmien, qal li ma jafx ezattament pero' l-inkontru kien sar, u li d-data ta' dan l-inkontru kien jafha peress li kienu ffirmaw karta. Huwa esebixxa dan il-ftehim li l-Qorti immarkat bhala Dok RS. Effettivament hemm tliet karti li gew immarkati bhala Dok RS, RS 1 u RS 2. L-imputat ikkonferma li fejn hemm il-kelma '*witness*' hemm il-firma tieghu u li kien qed jaghrafha. Dak inhar kien it-13 ta' Settembru 2002. Hawnhekk iddikjara li l-flus ma tahomlux f'daqqa, tahomlu fi tliet ddarbiet u ghalhekk hemm tliet karti. Huwa cahad dak li qed jigi allegat lilu li hu flimkien ma' Deguara kienu ltaqaw fl-20 ta' Settembru 2002 biex jaraw kif ser jigu cirkolati dawn il-biljetti foloz.

Nhar il-15 ta' Jannar 2008, id-difiza talbet li tigi nserita f'dawn l-atti vera kopja tax-xhieda li nghatat minn Anthony Deguara fil-kawza bl-ismijiet **'<u>Il-Pulizija vs Alfred Attard</u>'** pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u l-Qorti laqghet it-talba. Tali xhieda giet esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2011.

**Anthony Deguara**, quddiem din il-Qorti diversament preseduta, xehed nhar is-16 ta’ Lulju 2009 u qal li huwa separat u li ilu jghix Malta mid-29 ta’ Jannar 1975.

Ix-xhud Deguara kkonferma li jiffrekwenta hafna l-Casino u li kien jilghabhom ghalkemm illum m’ghadux. Daqqa kien jirbah u daqqa kien jitlef. Huwa kkonferma li gieli ssellef flus minghand il-familja minhabba l-loghob tieghu. Iddikjara wkoll li ssellef flus minghand nies barranin. Huwa tenna li gieli kienu jgieghluh jaghmel bil-miktub li ssellef. Pero’ qal ukoll li qatt ma mar jissellef bil-kitba imma kien jissellef fuq l-idejn.

Ix-xhud cahad li qatt issellef flus minghand Alfred Attard. Huwa qal li dan Alfred Attard kien hadu ghand mara u tah mitt lira l-ewwel darba u ghoxrin lira t-tieni darba. Tenna li l-flus li tat din il-mara kien hadhom u sarrafhom Alfred gewwa l-bank of Valletta go Birkirkara. Huwa cahad li ssellef hamest elef lira minghandu. Cahad ukoll li qal lil tal-familja tieghu li kien issellef dan l-ammont minghandu u li kien qed jigri warajh minhabba dan l-ammont. Huwa qal li kien iltaqa’ ma’ din il-mara xi gimgha jew gimgha u nofs qabel il-21 ta’ Settembru 2002 u li kien iltaqa’ maghha darbtejn f’perjodu ta’ ftit granet. Huwa sostna li kien ghamel din il-bicca xoghol ghax kien kellmu David Zammit, is-sid tal-casino dwar jekk riedx jaqla’ mitt lira (Lm100) ta’ malajr u dan kien accetta ghax kien *‘broke’*. Wara kien laqqghu ma’ Alfred Attard. Huwa kkonferma li kien iltaqa’ ma’ Attard f’gurnata ohra. Mistoqsi jekk rahiex stramba li xi hadd itih mitt lira b’dan il-mod, hu wiegeb li iva kien raha stramba imma peress li dak il-hin kien jilghabhom kien accetta. Huwa ghamel hekk sabiex jaqla’ mitt lira.

Ix-xhud ikkonferma li kien jaf lill-imputat David Zammit minn qabel gol-casino u kien jitkellem mieghu fuq il-loghob. Huwa tenna li kien jaf lil Alfred Attard di vista u qatt ma kien tkellem mieghu. Hu ma kienx jaf minn fejn gew il-biljetti li gew ghandu u kkonferma pero’ li kien sarrafhom hu. Huwa kkonferma ukoll li kien gab roll tal-biljetti tal-loggu vojt mill-banka tal-lottu ta’ Hal Tarxien.

Huwa kien gab dan ir-roll vojt biex jaghtihom lil David Zammit halli Zammit jara lil min ha jaghtihom biex isiru l-biljetti foloz. Huwa ddikjara li ma kienx jafu lir-ragel tal-banka tal-lottu. Huwa fl-istess karozza flimkien ma’ David Zammit, kien mar minn Hal Tarxien ghal hdejn il-Junior Lyceum tal-Hamrun u tah ir-roll hemmhekk. Huwa kkonferma li tkellmu kif ha jaghmlu l-biljetti tal-lottu fil-karozza. L-imputat qallu li dawn il-biljetti kienu ha jsiru bil-kompjuter u li ghalhekk kellu bzonn il-flus biex igib kompjuter.

Ix-xhud qal li Alfred Attard kien qallu biex jergghu imorru ghand dik il-mara biex igibu iktar flus halli jixtru l-kompjuter, u sa fejn kien jaf hu, Attard kien gab il-flus minghand dik il-mara.

Anthony Deguara kkonferma li l-ghada li kienu marru jitkellmu fejn il-Liceo kienu marru biex jisselfu l-flus. Kien mar fil-karozza ma’ David Zammit, u Alfred Attard kien f’karozza ohra ma’ din il-mara. Huwa ddikjara li l-imputat kellu jiffirma l-ittra bhala xhud li Deguara kien qed jiehu l-flus f’ismu ghalkemm ma’ kien ha xejn minn dawn il-flus. Huwa kkonferma li marru Birkirkara biex jaghmlu open cheque halli Alfred Attard jiehu l-flus. Huwa qal li cekk minnhom kien ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) pero’ ma kienx cert fuq l-ammonti l-ohrajn.

Huwa qal li fl-20 ta’ Settembru gew David Zammit u Alfred Attard flimkien u ltaqaw mieghu hdejn il-liceo. Ghaddewlu zewg biljetti biex isarrafhom. Huma kienu jtuhomlu tnejn tnejn biex isarrafhom. Il-pjan kien li hu jsarraf kollox u wara jsiefer kif fil-fatt gara.

Ix-xhud ma kienx jaf jekk dawn il-biljetti foloz kienux stampati fuq ir-roll li kien gab minn Hal Tarxien. Huwa ammetta li kien jaf li l-biljetti kienu foloz. Huwa ddikjara li sarraf dawn il-biljetti ghand in-nies billi qallhom li kien rebah il-lottu imma ma setax isarrafhom ghax kienet festa. Huwa kkonferma li dawn in-nies tawh il-flus u li kien mar fuq nies li kien jaf u ntbaghat ghand ohrajn li ma kienx jaf. Huwa kkonferma wkoll li hallielhom il-qliegh ghax inkella ma kienux ha jsarrfuhom. L-ammont kien erba’ mija u

hamsin u kienu jiehdu hames mija u huma kellhom il-flus fuqhom biex ihallsuh. Huwa sostna li dawn in-nies ma kienux jafu x'qed jigri u l-biljetti hasbuhom tajbin. Il-flus li gabar qasamhom bejnu, bejn l-imputat David Zammit u bejn Alfred Attard fejn il-Liceo tal-Hamrun. Mhux dejjem kienu qasmu l-flus fejn il-Liceo. Qal li hu kien ikun wahdu meta kien isarraf il-biljetti u sarrafhom f'jumejn, fl-20 u fil-21 ta' Settembru. Huwa ma kienx jiddejjaq jidher dejjem hu.

Huwa kien iddispjacieh minn dak li ghamel meta telaq minn Malta u halla ittra ghand il-mara tieghu li fiha kien stqarr kollox. Il-mara tieghu kienet ghaddiet l-ittra lil missieru wkoll. Huwa kien halla l-ittra fuq bicca ghamara u ma qalilha xejn qabel ma' siefer. Huwa fil-fatt kien siefer fit-22 ta' Settembru 2007. Huwa kien qal lill-mara biex tghaddi l-ittra lill-pulizija. Huwa mbaghad cempilla mill-Ingilterra fejn hi qaltlu li kien qed ifittxu kullhadd anke l-pulizija. Waqt din it-telefonata huwa ma kienx staqsiha jekk marritx ghand il-pulizija b'din l-ittra.

Qal ukoll li kien gie xi tliet darbiet lura Malta bejn it-22 ta' Settembru 2002 u l-4 ta' Gunju 2003 pero' l-Pulizija qatt ma kienu kellmuh f'dawn id-drabi li gie Malta. Fil-fatt hu kien mar ghand il-Pulizija f'Gunju. Ma marx qabel ghax ma kellux kuragg imur f'dawk it-tliet darbiet li gie Malta. X'aktarx li hu kien gie lura Malta wara xahar li kien siefer u dam jumejn. Hu qal li hadd ma kien jaf li kien gie lura Malta lanqas il-Pulizija. Ix-xhud iddikjara li kien gie lura Malta biex jammetti pero' ma kellux kurragg bizzejjed biex imur. Mistoqsi jekk kienx xtara biljett bir-ritorn, huwa wiegeb li ma jiftakarx. Huwa ddikjara li hu difficli biex taqta' biljett bir-ritorn ghal jumejn biss.

Huwa kien rega' gie lura Malta fl-20 ta' Jannar biex imur ghand il-pulizija izda mbaghad baqa' mistohbi gewwa. Huwa ma tkellem ma' hadd u kien wahdu mistohbi ghand habib tieghu. Huwa kkonferma li mar jghix ma' habib tieghu minghajr ma l-mara tieghu u missieru kienu jafu. Huwa dam mistohbi sat-3 ta' Gunju fejn imbaghad rega' mar lura l-Ingilterra. Huwa rritorna lura Malta fl-4 ta'

Gunju. Hawnhekk rabba’ l-kuragg biex imur ghand il-Pulizija.

Ix-xhud tenna li sar jaf lil Vella Gregory wara l-4 ta’ Gunju u kien kellmu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Rahal Gdid. Huwa kien mar minn jeddu hawnhekk fejn beda jghidlu bl-istorja. Huwa sostna li kien mar l-ghassa biex ikellem lid-Duty Officer u qalulu biex jerga’ jmur fil-hamsa ghax ma kienx hemm dak il-hin. Huwa ma kienx qalilhom ghal xiex mar dak il-hin. X’hin mar fil-hamsa sab lil Vella Gregory. Huwa sostna li Vella hadlu stqarrija xi gurnata jew granet wara meta rega’ ltaqa’ mieghu fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Rahal Gdid. Mistoqsi jekk kellmux wahdu meta kien mar fil-hamsa, huwa qal li iva. It-tieni darba li kellmu kien hemm ukoll surgent u spettur. Huwa kkonferma li kien semma ma’ Vella Gregory kemm lil Zammit u lil Attard. Huwa kien qallu fuq Alfred Attard, dwar il-kompjuter, il-mara x-xiha, li hadu ghand certu wiehed f’Birkirkara u li qasmu l-flus bejniethom it-tlieta. Fit-tieni darba li mar ix-xhud kien qal lil Vella Gregory pass pass dak kollu li gara.

Ix-xhud ikkonferma li kien tressaq il-Qorti u kien wehel sentenza. Huwa cahad li baghat xi ittri mill-Ingilterra. Hu kien jaf li l-mara tieghu ghaddiet ittra lil missieru imma ma kienx prezenti u allura ma jafx jekk missieru marx x’imkien b’din l-ittra. Qal li cempel erba’ darbiet lil mara tieghu u li qatt ma cempel lil missieru. Huwa ma cempel lil hadd meta kien Malta biex ma jinkwieta lil hadd. Fil-fatt lanqas il-mara tieghu ma kienet taf li kien gie Malta. Huwa qal li ma kitibx ittri meta gie Malta.

Huwa stqarr li l-imputat David Zammit kien heddu b’xi affarijiet personali ghax kien diga’ sarraf il-biljetti l-ohrajn. Gie mistoqsi jekk kienx jaf li Alfred Attard kien mar ghand missieru ghal flus. Huwa wiegeb illi missieru kien qallu li gie Alfred Attard ghandu biex ifittxu imma ma semmilux flus. Wara huwa stqarr li missieru kien qallu li Attard ma kienx gie ghal xi flus jew problemi hekk izda x-xhud ma jafx fil-fatt x’kien gara ghax ma kienx prezenti.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi d-Difiza bdiet t-trattazzjoni taghha billi fakkret lil Qorti dwar l-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe' r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide '**Il-Pulizija v Antonio Schembri'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax (19) ta' Dicembru, 1936].

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandhux jkollhom l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi dikjarat liberat. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **'Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et',** deciza mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' April, 1992*].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju jkun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister**

**of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen*' [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998* fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-

provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi ghalhekk din l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe' dik proposta mill-prosekuzzjoni u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u hadhet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma' *viva voce* l-provi kollha u ghalhekk kkontrollat il-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha.

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet l-ezami taghha tax-xhieda ai termini tal-**Artikolu 657 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, billi evalwat l-imgieba w il-karattru ta' kull xhud li semghet u li ghamlet apprezzament taghhom ghal mod ta' kif x-xhieda wiegbu ghad-domandi li sarulhom quddiemha, ghal kull interess li setgha kellhom x-xhieda u b'hekk uzat l-kriterji kollha li l-Ligi taghtiha sabiex kienet f'posizzjoni li tikkontrolla il-kredibilita' tax-xhieda, u hu appuntu minhabba li l-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti tal-fatti, li kellha taghmel dan l-apprezzament tax-xhieda u tal-provi kollha mressqa sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta, u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara'** fejn spjiegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li

l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Illi ghalhekk il-gudikant trid taghmel apprezzament tax-xhieda sabiex wara li tqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, bl-applikazzjoni tal-buon sens taghha, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-**Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibbilita'.

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'</u>**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra

kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista’ torbot lill- mputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil’**:

**“***Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*”

Il-prova cirkostanzjali trid twasslek ghal prova univoka u cioe’ l-unika interpretazzjoni ta' dik il-prova cirkostanzjali hija wahda u wahda biss, u meta tali prova tkun ekwivoka, din il-prova ma jkollha l-ebda prova legali. Fil-fatt, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs David Gatt’,** deciza fis-sbatax ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali u cioe’ li:

“*provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma’ xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*”

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Practice*** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal ***Lord Normand*** fil-kaz ‘**Teper v R’** (1952) jghid:

“*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast*

*suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.”*

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Illi ma hemmx dubju illi hadd mix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni identifikat lill-imputat odjern bhala l-persuna li sarfet xi biljetti tal-lottu kif donnu spjegat il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha. Ilkoll qalu li kien Anthony Deguara li kien imur jitlob li jsarfulu l-biljetti. Ghalkemm Deguara jghid dan meta xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta u mhux quddiemha. Jidher car li Anthony Deguara huwa persuna laghbi u li kien izur il-Casino ta’ spiss. Fil-fatt Deguara jghid li kellu hafna dejn anke tramite uzura u li sahansitra kellu anke jitlaq minn Malta.

Ix-xhieda imresqa mill-prosekuzzjoni u cioe’ Joseph Vella, Joseph Spiteri, Thomas Carabott , Joseph Fenech u Michael Cassar ilkoll jghidu li kien Anthony Deguara li kien isarraf il-biljetti tal-lottu li huma gharfu esebiti il-Qorti u mmarkati bhala Dok EMC 2, EMC 3, EMC 4, EMC 5 u EMC 6 u li kien dan Deguara li ingannhom. Mistoqsija jekk jafux lill-imputat ilkoll wiegbu fin-negattiv. Mhux talli hekk izda Joseph Vella stqarr li meta huwa sarraf il-biljett tal-lottu ghall-imputat kien hemm ohtu Lily Pisani prezenti u bintha Graziella li hadu l-informazzjoni minn fuq il-Karta ta’ l-Identita’ ta’ Deguara meta kien mar ghand Vella u inghata l-flus. Graziella anke ikkonfermat il-kitba taghha fuq id-dokument ST1 esebit a fol. 59 tal-process li jindika li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Vella kienu veritieri u cioe’ li hija kienet hadet il-particulars ta’ Deguara dakinhar li mar ghandu.

Illi ma hemmx dubju lanqas li l-biljetti tal-lottu esebiti fl-atti li gew imsarfa minn Deguara kienu foloz u dan kif stqarr Martin Hili rapprezentant tad-Dipartiment tal-Lottu u kif konfermat mill-espert tal-Qorti Martin Bajada li kien gie nominat sabiex jezamina dawn l-istess biljetti.

Huwa biss Anthony Deguara li jsemmi lill-imputat bhala l-persuna li marret mieghu ghand mara anzjana li qatt ma ingabet tixhed sabiex jisselfu flus minghandha sabiex jixtru computer halli jaghmlu scanning tal-biljetti li insegwitu dan Deguara kien sarraf. Deguara jghid li effettivament kien anke iltaqa' ma' Zammit u ddiskutew kif kellu jsarraf il-biljetti u x'profit kellhom jaghmlu lkoll. Deguara jghid illi huwa effettivament kien ta somma flus kemm lill-imputat kif ukoll lil Attard meta sarraf xi biljetti. Alfred Attard ma xehdx peress li kellu l-kawza tieghu ghaddejja u hass li seta' jinkrimina ruhu u ghalhekk din il-Qorti kienet akkordatlu t-talba li ma jixhidx. Meta xhud jaghzel li ma jirrispondix domandi sabiex ma jinkriminax ruhu, jkun qed juzufruwixxi minn dritt moghti lilu mil-Ligi u hadd ma jista' jaghmel inferenza negattiva minn dan l-agir.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija biss rinfaccjata bix-xhieda ta' Anthony Deguara li bla dubbju ta' xejn mhux xhud konsistenti u dan ghaliex meta xehed il-Qorti viva voce quddiem l-imputat ta verzjoni differenti minn dakinhar meta xehed fil-proceduri fil-konfront ta' Alfred Attard. Jghid li effettivament l-imputat kellu computer li permezz tieghu kien jaghmillu xi scanning izda meta il-Pulizija marru jaghmlu search fil-proprjeta' ta' l-imputat ma sabu xejn minn dan sabiex jikkoroboraw dak li qal ix-xhud Deguara.

Ix-xhud Deguara jsemmi cirkostanzi li setghu kkoroboraw it-tezi tieghu izda il-prosekuzzjoni naqset li tipprovhom. Deguara jghid li kienet mara habiba ta' l-imputat li selfet xi flus permezz ta' cheque li gie imsarraf bil-Bank of Valletta pero' din il-prova qatt ma giet konfermata la minn din il-mara u lanqas minn xi rappresentant tal-Bank jew minn xi prova dokumentarja.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt jaghmel pero' kien irrilaxja stqarrija nhar is-17 ta' Settembru 2003 u cahad dak kollu li kien gie allegat fil-konfront tieghu u cioe' li huwa hareg xi *print outs* tal-biljetti tal-Lottu flimkien ma' Alfred attard u Anthony Deguara

jew li huwa ha xi *commission* minn fuq kull tisrif ta' cheque.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfacjata biss bil-verzjoni tal-fatti gja inkonsistenti li ta Anthony Deguara li jekk l-akkuzi jigu pruvati fil-konfront tal-imputat, ghandu jitqies bhala komplici.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9** u cioe':

"*meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, x-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Maesta Taghha r-Regina vs John Bondin'**datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu, 1921, gie ritenut li din r-regola statutorja (li fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza)

"*twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li 'ex admissis' hu kriminali.*"

Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici jew ko-partecipi hi vera li hu ragonevolment *safe* li wiehed joqghod fuqha.

Illi l-kaz klassiku li fih giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien '**Rex vs Baskerville'** (1916 - 2.K.B. 658) li rriteniet li:

"*it is sufficient if there is confirmation as to a material circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime...it must be evidence which implicates (the accused)...*"

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v**

**<u>George sive Gino Bezzina'</u>** nhar t-tletin (30) ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss:

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused."*

u ma hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat kkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmintax (18) ta' Novembru, 1944 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Maesta Taghha r-Regina v George Bezzina et'</u>** li tghid:-

"*meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' l-akkuzat. Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda indipendenti ta' kull ma jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm xhieda indipendenti li tolqot lill-akkuzat u tesdenti li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lil akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita importanti li l-akkuzat kkommetta d-delitt.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija ricentement fit-tnejn ta' Dicembru, 1998, mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulzija vs John Said et'</u>** fejn gie ritenut li l-Ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, pero' neccessita' trid tkun korroborata sufficjentement minn provi indipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux ghal veracita' tal-versjoni ta' dik x-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita *nexus criminis* bejn din il-versjoni u l-akkuzat. Trid tkun korrobarazzjoni li twassal bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita' kriminuza allegata

mill-ahwa Sultana fix-xhieda taghhom verament giet imwettqa mill-akkuzat. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputat ma jreggix.

Il-Qorti rat ukoll in-noti tal-**Professur Mamo** dwar is-suggett ta' korroborazzjoni ta' kompartecipi u fil-fatt jghid s-segwenti:

"*the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide* **<u>Rex v Bezzina - Qorti Kriminali</u>** deciza 18 ta' Novembru, 1944) *what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide* **<u>Rex v Cuschieri</u>** deciza 30 ta' Marzu, 1915) *confirming not merely a material particular of the witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide* **<u>Police v Sammut</u>** deciz 29 ta' April, 1946 mill-Qorti tal-Appell Kriminali)."

Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti, m'humiex necessarji li x-xhieda korroborattiva tikkonsisti f'repulzjoni ta' xhieda u fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li *does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged?* Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* ***<u>Thomas v Jones</u>*** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration*."

Illi fid-dawl tas-suespost jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova ohra sabiex torbot lill-imputat ma’ l-akkuzi odjerni.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 189, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 13 u 14 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat DAVID ZAMMIT hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------